**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**------------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA09.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Novembru 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Vincent Borg – Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-24 ta' Novembru 2011.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.
3. *Diving wreck* fil-Bajja tax-Xlendi.
4. Permessi biex isir is-salib storiku mnaqqax fil-blat taħt Triq S. Xmun.
5. S. Indrija – permess biex jinqala' u jsir *membrane*.
6. Tiżjin tal-Milied.
7. Sajf 2012 – proposta ta' strutturi għal-lqugħ għax-xemx fuq il-bankijiet.
8. Memos 107-109/2011 Miżuri għal persuni b' diżabilita'.
9. Rapport taċ-*Chairperson*.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-membri.
13. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA07.

**2.00 Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.**

2.01 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali estenda ż-żmien sa l-aħħar ta' Ġunju 2012 sabiex il-proġett ta' l-Għar ta' Karolina jitlesta u jkun imħallas. Sabiex dan isir, il-MEPA trid toħroġ il-permessi meħtieġa mingħajr aktar dewmien.

2.02 Mill-fond ta' Eco-Gozo, l-Kumitat ser jagħmel *embellishment* tal-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun. Hekk kif il-Perit ilesti l-*Bill of Quantities*, il-Kumitat joħroġ is-sejħa għall-offerti.

2.03 Il-Perit kien qed jaħdem fuq l-applikazzjoni li ser issir lill-UIF sabiex jintuża dan il-fond li s'issa jammonta għal €132,000. B' dan il-fond ser isir *embellishment* ta' Triq il-Kantra u jsiru xi bankijiet u fanali.

**3.00 *Diving wreck* fil-Bajja tax-Xlendi.**

3.01 Is-Sur Mark Anthony Busuttil għamel riċerka dwar il-possibbilta' li jsir *diving wreck* fil-Bajja tax-Xlendi. Hemm il-possibbilta' li din issir u għaldaqstant il-Kumitat ser jikteb lill-MTA, Ministeru għal Għawdex u l-Ministeru għat-Turiżmu.

**4.00 Permessi biex isir is-salib storiku mnaqqax fil-blat taħt Triq S. Xmun.**

4.01 Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li s-salib storiku li hemm max-xtajta jew jiġi restawrat jew isir replika mill-ġdid. Kien hemm qbil dwar dan.

**5.00 S. Indrija – permess biex jinqala' u jsir *membrane*.**

5.01 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li l-Perit Ivana Farrugia talbet lill-Perit Mariella Xuereb sabiex tapplika biex tinqala' l-istatwa ta' Sant' Indrija u jsir *membran*e minn taħt biex l-istatwa ma tibqax tittiekol bil-melħ. Dan ix-xogħol kien ser isir mill-Ministeru għal Għawdex.

**6.00 Tiżjin tal-Milied.**

6.01 Għal din is-sena fix-Xlendi ser jiżdiedu l-*Fairy Lights*. Huwa propost li jsiru 485 *running metres* u huwa stmat li ser jiġu jiswew madwar €1,800. Dan l-ammont ser jitħallas mill-fond għall-iskema Attivitajiet 2012. Il-Kumitat ser joħroġ sejħa għall-offerti.

**7.00 Sajf 2012 – proposta ta' strutturi għal-lqugħ għax-xemx fuq il-bankijiet.**

7.01 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li kien f' post Malta fejn ra struttura fuq kull bank sabiex persuni li jkunu bilqiegħda fuq il-bank ikunu pproteġuti mix-xemx. Kien hemm qbil li dawn isiru fix-Xlendi wkoll.

**8.00 Memos 107-109/2011 Miżuri għal persuni b' diżabilita'.**

8.01 Il-passaġġ ta' max-Xtajta ma huwiex aċċessibbli għal persuni b' diżabilita'. Għalkemm saru tentattivi fil-passat sabiex dan ikun jista' jsir aċċessibbli, għandu jerġa' jiġi studjat jekk dan jistax isir.

**9.00 Rapport taċ-*Chairperson*.**

9.01 Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa sabiex il-Kumitat jipproponi li l-*area* ta' fejn jitpoġġew id-dgħajjes tissemma Pjazza Sant' Indrija. Kien hemm qbil dwar dan.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku, s-Sur Joseph Sultana informa lill-Kumitat li x-xogħol ta' *patching* fi Triq il-Qroll ser isir bil-*paver* u għaldaqstant għalissa ser isir bil-*lean concrete*.

10.02 Saret talba mingħand is-sidien ta' Calleja Flats sabiex lampa li hija mwaħħla mal-proprjeta' tagħhom tinqala'. Is-Sindku ssuġġerixxa li għalissa din tintefa.

10.03 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li l-Pulizija qed tieħu l-passi neċessarji dwar tankijiet mimlija b' inbid u li tħallew fuq il-bankina ta' Triq it-Torri.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Il-Kumitat irċieva talba mingħand sid ta' proprjeta' fi Triq il-Biżantini sabiex issir *centre strip* biex tilqa' l-ilma tax-xita. Ġie deċiż li din it-talba tintbagħat lit-TM għall-approvazzjoni.

11.02 Il-Kumitat irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 55/2011 – Skema ta' Finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi. Il-Kumitat ġie informat li ser ningħataw is-somma ta' €20,000. B' dan l-ammont il-Kumitat ser jagħmel fanali, bankijiet u *litterbins* fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.

11.03 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand persuna li qed tgħix barra fejn qed issaqsi meta ser issir il-laqgħa tal-lokalita' għax-Xlendi. Din il-persuna ser tiġi informata hekk kif tiġi deċiża l-ġurnata.

11.04 Il-Kuntrattur, KIP Għawdex Ltd. qed jitlob is-somma ta' €66 kuljum għal ġbir ta' skart li ser isir fix-Xlendi kull nhar ta' Tlieta u Ħamis fix-Xlendi biss. Il-Kumitat qed jara dan l-ammont għoli u l-Kuntrattur ser jintalab biex inaqqas il-prezz.

**12.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

12.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***